MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 339/2006

Kawza fil-lista: 7

**A B**
**vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-hamsa (5) ta’ Marzu elf disgha mija u sitta u sittin (1966), kif jindika c-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. A.

2. Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta’ kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Maurice Gambin datat hdax (11) ta’ Frar elf disgha mija u sebghin (1970) (Dok B);

3. Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u dan ai termini ta' Artikolu 19.1.d tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat minhabba l-esekuzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u dana ai termini ta' Artikolu 19.1.f tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi l-kontendenti ghalkemm mhux interdetti jew morda, minn mohhom ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg minhabba raguni temporanea setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dana ai termini ta' l-artikolu 19.1.h tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fil-kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi, ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fil-hamsa (5) ta' Marzu elf disgha mija u sitta u sittin (1966), huwa null u bla effett fil-ligi, u dan ai termini ta' l-artikoli 19.1.d, f, u h tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg su riferit.

Bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-konvenut illi hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fil-5 ta’ Marzu 1966 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d][f] u [h] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu u tghatihom affidament.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici zzewwget lill-konvenut fil-5 ta’ Marzu 1966 meta allura hi kellha 18-il sena u l-konvenut kellu 28 sena, u wara li kienu ilhom flimkien circa erba [4] xhur. Minn dan iz-zwieg twieldet tifla. Wara sentejn konvivenza l-partijiet isseparaw de facto, u fil-11 ta’ Frar 1970 ffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni.

Illi l-attrici kienet il-kbira fost erba ahwa u kienu joqghod go kamra wara l-hanut tax-xorb li ommha kienet tiggestixxi fil-Marsa. Inizjalment ommha kienet tghix ma’ zewgha l-Ingilterra, izda sussegwentement nizlet Malta, meta l-attrici kienet ghadha zghira hafna, u bdiet tiggestixxi hanut il-Marsa vicin il-port. F’ Malta ommha kienet tghix ma’ ragel iehor.

Fil-bidu li gew Malta, ommha kienet qaflet lill-attrici f’ istitut fejn damet hames snin, meta mbaghad bdiet tghix ma’ ommha fil-kamra wara l-hanut. L-attrici tghid li kienet tiehu hsieb hutha, u li ommha kienet tabbuza mill-alkohol u kienet bniedma aggressiva, u ta’ spiss kienet issawwatha, u anke ma kienitx thalliha tohrog.

Sussegwentement meta l-attrici kellha 17-il sena hija kienet iltaqet mal-konvenut li ssusggerielha li tmur Fatima House sakemm tghalaq it-18-il sena u imbaghad jizzewwgu. Di fatti hekk sar, u wara ftit xhur li l-attrici

kienet taf lill-konvenut izzewwgitu bl-uniku skop li titlaq mid-dar u tghix hajja ghaliha; izda hija tghid li ma kienitx thobb il-konvenut u li ghalhekk kienet ta' spiss tirrifjuta li jkollha relazzjonijiet intimi mieghu bir-rizultat li kien jinqala' kontinwament hafna glied bejniethom. Wara sentejn zwieg, l-attrici telqet mid-dar u halliet lil binthom ta' sena u nofs ma' missierha l-konvenut.

Illi wara ftit taz-zmien li l-partijiet isseparaw de facto, dina bdiet relazzjoni ma' ragel iehor, li sallum ilha sejra 38 sena u minn din ir-relazzjoni twieldu tlett it-tfal. Sadanittant il-konvenut baqa' jrabbi t-tifla tal-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li, stante li z-zwieg jirrizali ghas-sena 1966, il-kwistjoni tan-nullita' hija regolata mhux bid-disposizzjonijiet tal-Kap.255 izda bil-Kodici Pio Benedettino tas-sena 1917, u cioe' fid-dritt kanoniku ezistenti qabel l-emendi tas-sena 1983. Fost id-disposizzjonijiet applikabbli hemm il-Kanoni 1086 li jikkontempla s-simulazzjoni tal-kunsens matrimonjali bhala *caput nullitatis*; u inoltre, il-gurisprudenza rotali zdied ukoll bhala difett tal-kunsens matrimonjali l-principju tan-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju li diga' kienet bdiet tigi applikata qabel l-introduzzjoni tal-Kodici Kanoniku tas-sena 1983. Di fatti f' decizjoni tar-Rota tad-19 ta' Dicembru 1961 gie osservat hekk: "it is necessary that the contracting party be possessed of that discretion of mind and freedom of will that is generally required for entering into any contract and especially into this perpetual and indissoluble contrat, through which a state of life is accepted which has grave obligations." *[vide PA Charles Atkins vs Matilde Atkins deciz 2 ta' Ottubru 2003 u l-kazistika hemm citata]*

Illi din il-Qorti wara li osservat lill-attrici tixhed, u tenut kont tal-fatti provati, hija tal-fehma li fiz-zmien li l-attrici kienet tat il-kunsens matrimonjali taghha hija kienet affetta minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga partikolarment fuq l-obbligazzjonijiet essenzjali taghha, li jgib mieghu n-nullita' taz-zwieg.

Hija zzewwget bl-uniku skop li tehles mill-ambjent li kienet tghix fih, minghajr ebda preparazzjoni ghaz-zwieg, u minghajr ma kienet gharrfet l-import tas-sitwazzjoni matrimonjali. Dan huwa ukoll evidenzjat minn nuqqas manifest u serju ta' maturita' affettiva da parti taghha fil-konfront tal-konvenut, bil-konsegwenzjali rifjut taghha f' diversi okkazzjonijiet li taghmel l-att taz-zwieg mal-konvenut bir-rizultat li wara konvivenza ta' sentejn il-partijiet kellhom jisseparaw de facto.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba ta' l-attrici hija gustifikata fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-5 ta' Marzu 1966. L-ispejjez a kariku tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------